Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Numru 247/2005

Il-Pulizija
(Sp Mario Bonello)
vs
Joseph Wells, iben Thomas,
imwieled il-Belt, Valletta
fil-25 ta' marzu, 1965

Il-Qorti,

Rat l-akkuži kontra l-imputat talli fid-19 ta' marzu, 2005 għal ħabta tal-4.00 p.m. fil-ground nazzjonali ġewwa Ta' Qali, limiti tar-Rabat, Malta waqt il-partita bejn Valletta u Birkirkara wera mġieba abużiva billi –

1. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu qed jaġixxu

għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi minn awtoita' kompetenti;
2. qal kliem oxxen u dagħa fil-pubbliku;
3. kiser il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
4. xewwex ġemgħa ta' nies, illi hekk mxewxa nġabru f'numru ta' għaxra jew aktar, sabiex jagħmlu reat;
5. ħa parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra minn nies jew aktar, miġburin biex jagħmlu reat.

Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra li tagħti l-piena skond il-liġi, tissospendi lill-imsemmi Joseph Wells milli jidħol fi ground sportiv għall-perjodu li jidhrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-21 ta' marzu, 2005 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' marzu, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 96(a), 338(bb)(dd) u 68(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt lira maltin (Lm100). Inoltre, tissospendi lill-imputat milli jidħol fi ground sportiv għal perjodu ta' sitt xhur, liema perjodu jibda jidekorri mil-lum stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------